



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6209/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0017 (NLE)

---

---

TRANS 48  
RELEX 164

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq fir-rigward l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Komitat Konġunt u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq  
fir-rigward l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt  
u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq<sup>1</sup> (“il-Ftehim”) ġie ffirmat mill-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1158<sup>2</sup> u ġie applikat b’mod provviżorju mid-29 ta’ Ġunju 2022.
- (2) L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u jirrieżamina perjodikament il-funzjonament tiegħu fid-dawl tal-oġettivi tiegħu.
- (3) L-Artikolu 7(6) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irrid jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħteġ li r-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.
- (4) Kif stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-Ftehim, il-Ftehim għandu japplika sat-30 ta’ Ġunju 2023. Madankollu, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa’ sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim, biex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta’ dan il-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ĠU L 179, 6.7.2022, p.4.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1158 tas-27 ta’ Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 179, 6.7.2022, p. 1).

- (5) Sabiex kemm l-Unjoni kif ukoll l-Ukrajna jkomplu jibbenefikaw mill-effetti pożittivi tal-Ftehim dwar l-iffaċilitar tat-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn u permezz tal-Ukrajna u l-Unjoni u dwar l-iżgurar ta' korsiji ta' solidarjeta li jiffunzjonaw tajjeb fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li dan jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (6) Il-Kumitat Konġunt irrid jadotta deċiżjonijiet li jistabilixxu r-regoli ta' proċedura tiegħu u dwar il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu.
- (7) Għalhekk jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, peress li d-deċiżjonijiet tiegħu se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjonijiet mehmuża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (“il-Ftehim”) fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu u l-kontinwazzjoni tal-Ftehim, inkluż id-durata tiegħu, għandhom ikunu bbażati fuq l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---